MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2009

Numru. 32/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander P.Miruzzi)**

**vs**

**Carmelo Micallef**

Kumpilazzjoni Numru: 32/2009

**Illum 5 ta' Ottubru, 2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Carmelo Micallef, iben Carmelo u Paola xebba Gauci, iwmieled Rabat (Malta) fit-22 ta' April, 1956 u residenti "Carmel Green House", Wied Rini, l/o  Rabat u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 320856M.

Akkuzat:

Talli fis-16 ta' Settembru, 2008 kif ukoll fil-granet ta' qabel din id-data fl-inhawi tar-Rabat (Malta) bhala l-persuna li zamm jew qabel li jzomm xi annimal gieghel lil istess issofri ugiegh, tbatija, jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur tal-Artikoli 8 (2) u 8 (3) tal-Att 25 ta' l-2001 Dwar il-Harsien ta l-Annimali.

Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi zamm 'l fuq minn 70 ghasfur mharsa bil-ligi bi ksur tal-Avviz Legali 79 ta' l-2006 kif emendat bl-Avviz Legali 39 ta' l-2007.

Akkuzat ukoll talli sar recediv permezz ta' sentenza datata 06 ta' Gunju, 2007 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magaistrat Dottor A.G. Vella liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.
Rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 8(2) u 8(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti ta' l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat kkonferma l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti processwali kollha.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, il-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-

proceduri u l-fedina penali tieghu li ghalkemm mhiex netta lanqas m’hi wahda allarmanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 8(2) u 8(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti ta’ l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta’ sitt mitt Euro (€600).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------